# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-Gimgha 14 ta' Ottubru 2022**

**Numru: 1**

**Rikors Nru: 829/2022 ISB**

**Dr Ann Fenech (ID 28763M) ghan-nom u in rapprezentanza tal-bank esteru Deutsche Bank Luxembourg S.A. ta' 2. Boulevard Konrad Adenauer, L-1115, Luxembourg li qeghda tagixxi fil-kapacita' taghha ta' Security Agent and Trustee ghall-interessi taghha kif ukoll tal-banek esteri AKA Ausfuhrkredit-Gesellschaft mbH u Deutsche Bank AG**

**vs**

**Il-Bastiment MV Golden Odyssey (b'IMO nru 9648788) kif korrett b'digriet tal-5 ta' Ottubru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-<u>Rikors</u> tas-socjeta' **Dr Ann Fenech (ID 28763M) ghan-nom u in rapprezentanza tal-bank esteru Deutsche Bank Luxembourg S.A. ta' 2. Boulevard Konrad Adenauer, L-1115, Luxembourg li qeghda tagixxi fil-kapacita' taghha ta' Security Agent and Trustee ghall-interessi taghha kif ukoll tal-banek esteri AKA Ausfuhrkredit-Gesellschaft mbH u Deutsche**

**Bank AG** maghmul ai termini tal-Artikolu 358 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-15 ta' Settembru 2022 u li permezz tieghu hija talbet lil din il-Qorti:

1. *Illi ai termini ta' Artikolu 358 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tapprova l-bejgh privat tal-bastiment MV Golden Odyssey lis-socjeta' estera East Thrive Peace Limited ghall-prezz ta' mija u hamsin miljun Ewro (EUR 150,000,000) u dan skond it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Memorandum of Agreement datat 23 ta' Awwissu 2022, u liema bejgh ai termini ta' Artikolu 364 ta' Kap 12 jaghti lix-xerrej titolu li ma jkunx aggravat minn kull privilegg jew piz;*

2. *Tiddeciedi u tikkonferma illi, kif inhu provdut fl-istess Artikolu 364, wara l-bejgh tal-bastiment intimata, d-drittijiet tal-bank rikorrent 'qua' mortgagee jghaddu ghal fuq ir-rikavat tal-bejgh u konsegwentament b'hekk kwalunkwe kancellament (discharge) tal-ipoteka navali a favur il-bank rikorrent minn fuq il-bastiment intimata (u liema kancellament huwa mehtieg sabiex is-socjeta' kompratici tkun tista' takkwista titolu fl-istess bastiment li mhux aggravate minn kull privilegg jew piz) m'huwiex sejjer jippregudika d-drittijiet illi jgawdi l-bank rikorrent bhala mortgagee inkluz d-dejn dovut lihu jigi pregradwat ai termini tal-Artikolu 54A(3) tal-KAP 234.*

3. *Illi ai termini ta' Artikolu 362 ta' Kap 12, il-Qorti fid-digriet ta' approvazzjoni tal-bejgh tahtar lil Dr. Kris Borg detentur ta' Karta ta' Identita Numru 10768M bhala l-persuna li b'hekk tkun intitolata tittrasferixxi l-bastiment skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet approvati mill-Qorti u dan bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati fil-ligi partikolarment, Artikoli 362 sa 364 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

4. *Fin-nuqqas li Dr. Kris Borg, detentur ta' Karta ta' Identita Numru 10768M, jigi mahtur minn dina l-Onorabbli Qorti ghall-fuq imsemmija finijiet, il-Qorti tahtar persuna ohra ghall-dawk l-istess finijiet ai termini ta' Artikoli 362 sa 364 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

5. *Taghti kull provvediment iehor opportun u xieraq.*

U dan wara illi hija ppremettiet is-segwenti:

*Illi l-bank esteru Deutsche Bank Luxembourg S.A. huwa kreditur ipoketarju (mortgagee) b'titolu ezekuttiv kontra l-bastiment intimat MV Golden Odyssey, b'IMO numru 9648788, fl-ammont globali ta' mija u sittax-il miljun, wiehed u hamsin elf, sitt mija u disa' Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€ 116,051,609.54), salv spejjez u imghaxijiet ulterjuri dovuti mill-10 ta' Awissu 2020 sad-data effettiv tal-pagament.*

*Illi dan il-kreditu huwa naxxenti in segwitu ta':*

*1. Loan Agreement (Kuntratt ta' Self) datat hamsa (5) ta' Gunju 2013 li gie konkluz bejn (i) is-socjeta' debitrici Kal Marine Limited li hija l-proprjetarja tal-bastiment intimat Golden Odyssey (id-'Debitrici'), (ii) Deutsche Bank AG bhala sole mandated lead arranger u bhala l-ECA Agent, (iii) Deutsche Bank Luxembourg S.A u AKA Ausfuhrkredit-gesellschaft mbH bhala l-Banek selliefa u (iv) Deutsche Bank Luxembourg S.A bhala l-Account Bank, l-Agent kif ukoll is-Security Agent and Trustee. Permezz ta' dan il-kuntratt ta'self inter alia giet avvanzata facilita' bankarja b'titolu ta' self lid-Debitrici sal-ammont massimu ta' mija u hamsa u sittin miljun, erbgha mija u hamsa u ghoxrin elf Ewro (EUR 165,425,000). Skond l-istess ftehim kuntrattwali, id-Debitrici kienet obbligat ruhha li tirrestitwixxi u trodd lura l-ammonti mislufa lilha, taht il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha stipulati fl-istess kuntratt.*

*2. Agency Agreement datat hamsa (5) ta' Gunju 2013 konkluz bejn il-fuq imsemmija partijiet fejn inter alia l-bank rikorrent Deutsche Bank Luxembourg S.A, giet appuntata bhala s-Security Agent u Trustee ghall-finijiet tas-Security Documents (hekk kif definiti f'dan il-ftehim), inkluz d-Deed of Covenants u l-ipoteka navali hawn taht imsemmija.*

*3. Deed of Covenants datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru 2015, konkluz bejn il-bank rikorrent Deutsche Bank Luxembourg S.A. fil-kapacita' fuq premessa, u d-Debitrici, u cioe' s-sid registrat tal-bastiment Golden Odyssey*

*4. First Priority Statutory Mortgage, ossia ipoteka navali, fuq il-bastiment intimat Golden Odyssey datata tmienja u ghoxrin (28) ta'*

*Settembru 2015 u rregistrata fir-registru navali ta' Bermuda fl-istess gurnata a favur l-bank rikorrenti Deutsche Bank Luxembourg S.A fil-kapacita' fuq premessa u dan in kawtela tal-obbligi naxxenti mill-kuntratti fuq imsemmi.*

*5. Transcript of Register datat tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu 2020 mahrug mill-Awtorita' Marittima ta' Bermuda (Bermuda Shipping and Maritime Authority), li wera illi l-istess ipoteka navali kienet ghadha registrata fuq il-bastiment intimat Golden Odyssey. L-istess ipoteka navali ghadha sallum registrata fuq il-bastiment intimat.*

*6. Parir Legali datat erbgha (4) ta' Gunju 2020 mahrug mid-ditta tal-avukati ta' Appleby (Bermuda) Ltd gewwa l-Bermuda, u liema parir legali kkonferma illi l-ipoteka navali registrata fuq il-bastiment intimat Golden Odyssey fir-registru tal-bastimenti tal-Bermuda tissodisfa r-rekwiziti kollha elenkati f'Artikolu 49 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' illi:*

*(a) L-ipoteka navali hija validament registrata fir-registru tal-bastimenti gewwa l-Bermuda;*
*(b) Ir-registru tal-bastimenti gewwa l-Bermuda huwa registru pubbliku;*
*(c) L-ipoteka navali tidher u hija evidenti wara ricerka (search) fi hdan ir-registru tal-bastimenti gewwa l-Bermuda; u li*
*(d) L-ipoteka navali tinghata status preferenzjali taht il-Ligijiet ta' Bermuda u hija meqjusa b'mod generali ekwivalenti fi status ghall-ipoteka navali registrata fir-registru tal-bastimenti merkantili gewwa Malta,*

*u li ghalhekk ai termini ta' l-istess Artikolu 49, din l-ipoteka navali registrata fir-registru tal-bastimenti gewwa l-Bermuda ghandha l-istess drittijiet u poteri daqs li kieku kienet ipoteka navali registrata taht l-Att dwar il-Bastimenti Mekantili, Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant tista' tigi enforzata bl-istess mod bhal kwalunkwe titolu ezekuttiv iehor.*

*7. Affidavit ta' Dr Daniel Zapf, ic-Chief Operating Officer u membru tal-Bord tal-bank rikorrent Deutsche Bank Luxembourg S.A, li permezz tieghu gie kkonfermat illi l-ammont dovut sad-data tat-tmienja (8) ta' Gunju 2020 kien dak ta' mija u hmistax il-miljun, tlett mija u disghin elf, erba' mija u ghaxar Ewro u zewg centezmi (EUR 115,390,410.02).*

*Illi peress li l-obbligazzjoni garantita bl-imsemmija ipoteka navali hija dwar dejn cert, likwidu u dovut u ma li tikkonsistix f'ezekuzzjoni ta' att, din l-ipoteka navali tissodisfa ir-rekwiziti taht Artikolu 42(2) et seq. ta' Kapitolu 234 ta' Ligijiet ta' Malta u ghalhekk din l-ipoteka navali titqies bhala titolu ezekuttiv ghall-finijiet tal-Artikolu 253 et seq. tal-Kodici dwar l-Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi s-socjeta' proprjetarja tal-bastiment Golden Odyssey u cioe' Kal Marine Limited, naqset milli thallas diversi pagamenti dovuti kif kienet obbligata taghmel u ma osservatx il-kundizzjonijiet u pattijiet kollha assunti minnha taht il-fuq imsemmija kuntratti, u ghalhekk konsegwentament kien hemm diversi 'events of default'.*

*Illi nonostante li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammonti dovuti minnha, s-socjeta' proprjetarja Kal Marine Limited baqghet inadempjenti.*

*Illi b'ittra, ossia Notice of Demand and Acceleration mibghuta lis-socjeta' estera Kal Marine Limited fit-tmintax (18) ta' Mejju 2020, l-istess socjeta' proprjetarja tal-bastiment Golden Odyssey giet notifikata illi kien hemm inadempjenza taht il-kuntratti hawn fuq imsemmija, u li ghalhekk l-istess socjeta' debitrici kellha immedjatament thallas u trodd lura l-ammonti kollha dovuti minnha, u cioe' s-somma kumplessiva ta' mija u hmistax il-miljun, mija u tmienja u hamsin elf, sitt mija u tlieta u hamsin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (EUR 115,158,653.23), salv l-ispejjez u imghaxijiet ulterjuri.*

*Illi nonostante li ntbaghtet din l-ittra formali lis-sid tal-bastiment intimat, dan l-ammont pendenti baqa' sa llum ma thallasx ghaliex l-istess socjeta' debitrici Kal Marine Limited baqghet inadempjenti.*

*Illi fid-disgha (9) ta' Gunju 2020, r-rikorrenti noe pprezentat l-ittra ufficjali numru 1454/2020 kontra l-bastiment MY Golden Odyssey u s-sidien tieghu sabiex l-ipoteka navali registrat a favur tal-bank rikorrent, issir ezegwibbli ai termini ta' l-Artikolu 253 et seq. ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi nonostante li din l-imsemmija ittra ufficjali giet debitament notifikata lill-bastiment intimat fl-ghaxra (10) ta' Gunju 2020, l-istess bastiment*

*intimat baqa' inadampjenti u ghalhekk skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija saret ezegwibbli bhala att ezekuttiv wara li skada t-terminu ta' jumejn (2) mid-data tan-notifika;*

*Illi in kawtela tal-kreditu dovut lilu, l-bank rikorrent ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar (Kawtelatorju) b'numru 553/2020 kontra l-bastiment MV Golden Odyssey, u liema mandat kawtelatorju sussegwentament gie rez ezekuttiv permezz tad-digriet moghti fit-tnax (12) ta' Awwissu 2020 minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta, u dan wara li giet pprezentata nota ai termini tal-Artikolu 838B ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif jidher mill-istess nota, fl-ghaxra (10) ta' Awissu 2020 il-kreditu dovut lill-bank rikorrent kien jammonta ghas-somma globali ta' mija u sittax-il miljun, wiehed u hamsin elf, sitt mija u disa' Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€116,051,609.54), salv spejjez u imghaxijiet ulterjuri dovuti sad-data effettiv tal-pagament. Kopji ta' din in-nota u tad-digriet relattiv hawn annessi u mmarkati 'Dokumenti 'AF1' u 'AF2' rispettivament.*

*Illi ghalhekk il-bastiment MV Golden Odyssey prezentament jinsab maqbud taht arrest fl-ibhra territorjali ta' Malta.*

*Illi in vista tal-fatt li sallum ghadu ma sar ebda hlas favur il-bank rikorrent (u fil-fatt imghaxijiet ghadhom qed jiddekorru), u peress illi l-istess bank irnexxielu tramite brokers internazzjonali u rinomati ssib xerrej li huwa lest jixtri l-istess bastiment ghall-prezz determinat, l-istess bank rikorrent issa jixtieq jenforza t-titolu ezekuttiv li ghandu permezz tal-bejgh tal-istess bastiment Golden Odyssey, approvat mill-Qorti ai termini ta' Artikoli 358 sa 364 ta' Taqsima 1, Titolu VII sub-titolu V tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili "Fuq il-bejgh approvat mill-Qorti ghall-vapuri, bastimenti u ingenji tal-ajru":*

*A. Illi ai termini ta' Artikolu 358 ta' Kap 12 dina l-Onorabbli Qorti fuq rikors ta' kreditur b'titolu ezekuttiv, ghandha s-setgha tapprova l-bejgh privat ta' vapur favur xerrej identifikat u bil-hlas ta' prezz determinat.*

*B. Illi kif mitlub mill-Ligi ai termini ta' Artikolu 359 ta' Kap 12, ir-rikorrenti noe qeghda tipprezenta ma' dan l-istess rikors, zewg stimi mahrugin minn stimaturi professjonali w indipendenti, u liema stimi jindikaw li l-*

*valur fuq is-suq prezenti u attwali tal-bastiment Golden Odyssey fil-kundizzjoni li jinsab fiha l-istess yacht, huwa ta' madwar mija u hamsin miljun Ewro (EUR 150,000,000).*

*C. Illi z-zewg stimaturi huma :*

*1. l-Ing. Paul Cardona ta' MICS Ltd, li wara li tela abbord u spezzjona l-bastiment fit-18 ta' Awissu 2022, ta stima ta' madwar mija u hamsin miljun Ewro (EUR 150,000,000). Kopja tal-istima tieghu hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument AF3';*

*U*

*2. Is-socjeta' estera Winterbothams Ltd, registrata gewwa l-Ingilterra, li wara li s-surveyors taghha telaw abbord u spezzjonaw l-bastiment fit-18 u 19 ta' Awissu 2022, ukoll tat stima ta' madwar mija u hamsin miljun Ewro (EUR 150,000,000). Kopja tar-rapport taghhom hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument AF4'*

*D. Illi l-bank rikorrenti rnexxielu ssib xerrej li hu lest ihallas is-somma ta' mija u hamsin miljun Ewro (EUR 150,000,000), u cioe' in linea mal-valwazzjonijiet li ngabu.*

*E. Ghal kull buon fini jinghad ukoll li l-istess bank rikorrenti tramite yacht brokers internazzjonali kienu rcievu offerti ohra minn xerrejja prospettivi imma dawn l-offerti ohra gew irtirati mix-xerrejja jew kienu ferm anqas mis-somma ta' mija u hamsin miljun Ewro u ghaldaqstant kienu gew irrifjutati mill-bank*

*F. Ghalhekk qed jigi sottomess li l-prezz ta' mija u hamsin miljun Ewro (EUR 150,000,000) huwa ragonevoli ferm fic-cirkostanzi tal-kaz.*

*G. Ghalhekk fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awwissu 2022 intlahaq ftehim preliminari u cioe' Memorandum of Agreement, bejn il-bank rikorrent u s-socjeta' estera East Thrive Peace Limited inkorporata gewwa l-British Virgin Islands, fejn din ta' l-ahhar ikkonfermat li hija lesta tixtri il-bastiment intimat ghas-somma ta' mija u hamsin miljun Ewro (EUR 150,000,000) u dan skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess ftehim inkluz l-kundizzjoni li l-bejgh ikun jista' jsir biss jekk jigi approvat minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta' Artikolu 358 et seq ta'*

*Kap 12. Kopja tal-ftehim hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument AF5')*

*H. Illi skond Klawzola 5.2(b) ta' dan l-istess Memorandum of Agreement, il-partijiet qablu illi Dr. Kris Borg detentur ta' Karta ta' Identita Numerata 10768M ghandu jigi nominat lil dina l-Onorabbli Qorti fir-rikors ghall-bejgh approvat mill-Qorti tal-bastiment ghall-finijiet ta' Artikoli 362 u 363 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet Malta.*

*I. Ghalhekk ir-rikorrenti noe qeghda titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tahtar lil Dr.Kris Borg bhala l-persuna li tkun intitolata tittrasferixxi l-bastiment skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet approvati mill-Qorti, bhallikieku kien is-sid registrat tal-bastiment, kif ukoll sabiex dan ikun intitolat jiddepozita l-prezz tal-bastiment fil-Qorti fi zmien sebat ijiem mid-data ta' meta l-bejgh jigi finalizzat.*

*Illi ai termini ta' Artikolu 360 ta' Kap 12, dan ir-rikors qed jigi notifikat lil kull min ghandu interess f'dan il-bastiment kif maghruf lil bank rikorrent u cioe', lix-xerrej il-gdid, lill-bastiment intimat, u ghal kull buon fini lid-Direttur tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta.*

*Illi ghal kull buon fini qed jigi ddikjarat ukoll illi mill-atti tal-Qorti ma jidhirx li hemm kredituri ohra tal-istess bastiment u/jew mandati ohra fuq l-istess bastiment.*

**Rat** id-dokumenti voleminuzi annessi mal-istess Rikors promotur, inkluz mill-*valutation report* ta' Marine & Industrial Consultancy Services Limited tat-8 ta' Settembru 2022 (DOK AF3) a fol 30 et seq u dak ta' WinterBothams Limited ta' Awissu 2022 (DOK AF4) a fol 605 et seq u kif ukoll tal-Memorandum of Agreement bejn is-socjeta' rikorrenti u s-socjeta' estera East Thrive Peave Limited tat-23 ta' Awissu 2022 (DOK AF5).

**Rat** id-digriet taghha tal-15 ta' Settembru 2022 u dawk tas-16 ta' Settembru 2022 wara r-rikorsi tar-rikorrenti u tas-socjeta' East Thrive Peace Limited rapprezentata minn Dr Nicholas Valenzia pprezentati fl-istess data.

**Rat** illi saru n-notifiki kollha necessarji.

**Rat** ir-Rikors tar-rikorrenti noe. tal-4 ta' Ottubru 2022 minn fejn jirrizulta illi kien hemm zball fl-att promotur fl-indikazzjoni tal-IMO tal-bastiment MV Golden Odyssey, u dan peress illi kien indikat bhala 9588598 meta in effetti kellu

jinqara' 9648788, u f'dan is-sens intalbet korrezzjoni, liema korrezzjoni il-Qorti akkordat b'digriet tal-5 ta' Ottubru 2022.

**Rat** l-verbal tas-7 ta' Ottubru 2022 minn fejn jirrizulta illi l-bastiment, rapprezentat mill-Kaptan prezenti ghal dik is-seduta, nghata sal-10 ta' Ottubru 2022 eghluq il-hin tar-Registru tal-Qorti, sabiex jipprezenta risposta.

**Rat** illi permezz ta' nota tal-bastiment tal-10 ta' Ottubru 2022, il-Qorti giet mgharrfa illi ma gietx pprezentata r-riposta u rrimetta ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti.

**Rat** illi fl-udjenza tal-12 ta' Ottubru 2022, dehru r-rikorrenti, x-xerrejj prospettiv ai termini tal-Memordandum of Agreement fuq msemmi u r-rapprezentat tal-bastiment, u bi ftehim mal-partijiet, il-proceduri thallew ghall-llum ghall-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza hija intavolata ai termini tal-**Artikolu 358 et seq tal-KAP 12** tal-Ligijiet ta' Malta, li jaqraw precizament hekk:

*358. Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-Qorti tista', wara rikors ta' kull kreditur b'titolu eżekuttiv, tapprova l-bejgħ privat ta' vapur jew bastiment jew inġenji tal-ajru, favur xerrej identifikat u bil-ħlas ta' prezz determinat.*

*359. Ir-rikorrent għandu flimkien mar-rikors jissottometti stimi minn żewġ stimaturi indipendenti u ta' fama tajba li jikkonfermaw il-valur tal-vapur jew bastiment jew inġenji tal-ajru; ir-rikorrent għandu wkoll iġib quddiem il-Qorti xiedha li dak il-bejgħ privat huwa fl-interess tal-kredituri kollha magħrufin u li l-prezz offrut mix-xerrej propost huwa raġonevoli fiċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*360. Ma jingħata l-ebda ordni mill-Qorti qabel ma r-rikors jiġi notifikat lil dawk il-persuni li l-Qorti, fiċ-ċirkostanzi u skont l-informazzjoni mogħtija mir-rikorrent, jidhrilha li huwa xieraq li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom.*

*361. Il-Qorti għandha tappunta r-rikors għas-smigħ fi żmien għaxart' ijiem mill-preżentata.*

*362. Jekk il-Qorti tilqa' it-talba fir-rikors u tapprova li jsir bejgħ privat skont id-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu, il-Qorti għandha fid-digriet tagħha ta' approvazzjoni taħtar persuna li b'hekk tkun intitolata tittrasferixxi l-vapur jew il-bastiment jew l-inġenji tal-ajru skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet approvati mill-Qorti, bħallikieku kien is-sid reġistrat tagħhom.*

*363. Il-persuna hekk maħtura mill-Qorti għandha tiddepożita l-prezz fil-Qorti fi żmien sebat' ijiem mid-data ta' meta l-bejgħ jiġi finalizzat.*

*364. Il-bejgħ tal-vapur jew tal-bastiment jew tal-inġenji tal-ajru skont id-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu jagħti lix-xerrej titolu li ma jkunx aggravat minn kull privileġġ jew piż, u wara l-bejgħ il-pretensjonijiet jew talbiet kollha kontra l-vapur jew il-bastiment jew l-inġenji tal-ajru jistgħu jiġu eżegwiti kontra ir-rikavat tal-bejgħ biss.*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-atti jirrizultaw fatti inkontestati, kemm mid-dokumenti esebiti u kif ukoll mir-Rikors promotur.

Jirrizulta illi permezz ta' digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-12 ta' Awissu 2020, moghti fl-atti tal-Mandat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar numru 553/2020 fl-ismijiet **Dr Ann Fenech noe. vs il-Bastiment M.Y. Golden Odyssey**, il-Qorti rrendiet ezekuttiv l-imsemmi Mandat ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Jirrizulta ukoll dokumentat illi s-soċjeta' rikorrenti laħqet ftehim fit-23 ta' Awissu 2022, ossija Memorandum of Agreement għall-bejgħ tal-istess bastiment intimat lis-socjeta' registrata fil-British Virgin Islands b-isem ta' East Thrive Peace Limited. Dan il-bejgħ huwa pero' suġġett għall-approvazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, u suġġett ukoll għat-termini u kundizzjonijiet kollha inkużi fl-MoU, fosthom il-prezz ta' mija u ħamsin miljun Ewro (€150,000,000) eskluz mill-VAT.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-atti jirrizulta ukoll illi qed jigi proprost illi l-bastiment jinbigh ghall-prezz ta' mija u hamsin miljun Euro (€150,000,000), u dan wara illi zewg stimaturi tal-bastimenti, ossia Marine & Industrial Consultancy Services Limited (DOK AF3) u dak ta' WinterBothams Limited (DOK AF4). It-tnejn ikkonfermaw illi l-prezz ta' mija u hamsin miljun Euro (€150,000,000) huwa prezz illi jirrifletti l-*current market value* tal-basiment.

**Ikkunsidrat ghalhekk illi**:

Il-Qorti jinhtieg tara jekk il-provi rizultanti inkontestati jissodisfawx il-vot illi trid il-ligi biex il-Qorti thossha komda tasal ghal decizjoni biex takkolja it-talbiet maghmula.

*Il-Qorti tqis illi l-principji li ghandhom jirregolaw bejgh privat bhal dak in kwistjoni huma tnejn, cioe` prezz gust u realistiku tal-vapur li bih l-kredituri kollha ma jsofrux pregudizzju wiehed a skapitu tal-iehor u t-tieni principju jigi salvagwardat id-dritt tad-debitu li jigi realizzat prezz gust u ekwu ghal proprjeta tieghu fic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.*[1]

Qabel xejn, il-Qorti tqis illi s-socjeta' rikorrenti hija kreditrici kanonizzata b'digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Awissu 2020. Dan huwa mhux biss inkontestat imma fi kwalunke kaz giet esebita kopja tad-digriet relattiv. Dan stabbilit, il-Qorti tista' issa tikkunsidra l-bejgh privat tal-bastiment *de quo* fl-isfond tal-insenjament hawn fuq maghmul.

Il-Qorti tqis illi huwa ukoll sodisfatt il-vot tal-ligi illi jirrikjedi illi jkunu pprezentati zewg stimi. Mar-rikors promotur hemm stima ta' Marine & Industrial Consultancy Services Limited u ohra ta' WinterBothams Limited. Din il-Qorti ma ghandhiex ghaliex ma tikkunsidrax dawn iz-zewg *surveyors* bhala ta' fama tajba kif trid il-ligi.Forsi d-dettall li dahhlu fih meta taw l-istimi huwa xhiedha ta' dan.

Dwar dak li trid il-ligi, ossia illi "*l-prezz offrut mix-xerrej propost huwa raġonevoli fiċ-ċirkostanzi tal-każ",* il-Qorti tqis illi l-prezz offrut mix-xerrej prospettiv huwa indentiku ghal dak stabbilit fir-rapport u deskritt bhala fair current market value.

Fil-fatt mill-atti ma jirrizultawx kredituri ohra tal-bastiment ghajr ghas-socjeta' rikorrenti u jidher illi l-bejgh bil-kundizzjonijiet miftehma fil-Memorandum of Agreement ghandu jkun ta' vantagg ghas-socjeta' minnhu rapprezentata.

Il-Qorti qieset ukoll illi r-rapprezentanti tal-bastiment MV Golden Odyssey, gew debitament notifikati, nghataw zmien jaghmlu ir-riposta taghhom u anke s-sottomissjonijiet, imma bid-dikjarazzjoni taghhom jidher illi mhux qed jiddisputaw il-fatti esposti mis-socjeta' rikorrenti. Dwar il-persuni interessati din il-Qorti tosserva illi mir-riferti a tergo fol 657 tal-process, jirrizulta kulhadd notifikat.

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija u wara l-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-Qorti qeghda tghaddi sabiex :

1. **Tawtorizza** u **tapprova**, ai termini ta' Artikolu 358 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-bejgh privat tal-bastiment MV Golden Odyssey lis-socjeta' estera East Thrive Peace Limited ghall-prezz ta' mija u hamsin miljun Ewro (EUR 150,000,000) u dan skond it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Memorandum of Agreement datat 23 ta' Awwissu 2022 bejn il-partijiet fuq l-istess ftehim, u liema bejgh ai termini ta' Artikolu 364 ta' Kap 12 jaghti lix-xerrej titolu li ma jkunx aggravat minn kull privilegg jew piz.

[1] Rikors 665/2018 **Mediterranean Trading Shipping Company Limited Vs il-Bastiment M.V. IRMAK et** deciza mill-PA 3.12.2018

2. **Tikkonferma**, kif inhu provdut fl-istess Artikolu 364, li wara l-bejgh tal-bastiment intimat, id-drittijiet tal-bank rikorrent 'qua' mortgagee jghaddu ghal fuq ir-rikavat tal-bejgh u konsegwentament b'hekk kwalunkwe kancellament (discharge) tal-ipoteka navali a favur il-bank rikorrent minn fuq il-bastiment intimata (u liema kancellament huwa mehtieg sabiex is-socjeta' kompratici tkun tista' takkwista titolu fl-istess bastiment li mhux aggravate minn kull privilegg jew piz) m'huwiex sejjer jippregudika d-drittijiet illi jgawdi l-bank rikorrent bhala mortgagee inkluz d-dejn dovut lihu jigi pregradwat ai termini tal-Artikolu 54A(3) tal-KAP 234.

3. **Taħtar**, ai termini ta' Artikolu 362 ta' Kap 12, lil **Dr. Kris Borg, detentur ta' Karta ta' Identita Numru 10768M,** bhala l-persuna li b'hekk tkun intitolata tittrasferixxi l-bastiment skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet approvati mill-Qorti u dan bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati fil-ligi partikolarment, Artikoli 362 sa 364 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. **Tordna** illi kwalunkwe ċertifikat tal-bastiment intimat li seta' ġie maqbud mill-Qorti jew taħt l-awtorita' tal-Qorti, għandu jiġi rilaxxjat u mgħoddi lix-Xerrej wara l-konkluzjoni tal-bejgh tal-bastiment fit-termini hawn fuq maghmula.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat, inklużi spejjeż konnessi mal-bejgħ tal-bastiment intimat.

**Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**